# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha 28 ta' Gunju, 2023**

**Kawza Numru: 4**
**Rikors Guramentat Numru:- 117/2013 JVC**

Gloria Beacom ID 287360M u Henriette Vella Bardon ID 314453M, ahwa Calleja Urry

vs

Alfred Camenzuli ID 0462769M, flimkien ma' martu Tania Camenzuli ID 0493469M u ibnu Justin Camenzuli ID 0181391M

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentat tar-rikorrenti li jaqra kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti huma l-propjetarji tal-fond konsistenti f’appartament internament markat bin-numru tnejn (2) fil-korp ta’ appartamenti bin-numru mitejn u hmistax (215) triq l-Ifran, Valletta.

2. Illi dan il-fond kien gie assenjat lill-omm l-esponenti Maria Antonia maghrufa bhala Maruzza Calleja Urry, armla minn Oscar Calleja Urry, bis-sahha ta’ kuntratt ta’ divizjoni ppublikat minn Nutar Tonio Spiteri fis-17 ta’ Jannar 1989. Kopja **Dok A**.

3. Illi Maruzza Calleja Urry mietet fl-20 ta’ Lulju 2011 u l-esponenti huma l-unici eredi taghha kif nominati bis-sahha ta’ testment ricevut minn Nutar Remigio Zammit Pace fid-19 ta’ Ottubru 1971 u iehor ricevut minn Nutar Clyde La Rosa fl-4 ta’ Ottubru 2006. Kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* ippublikata fil 15 ta’ dicembru 2011 hija annessa bhala **Dok B** flimkien ma’ kopja ta’ dikjarazzjoni dwar minn huma l-eredi maghmula mill-istess Nutar datata 7 ta’ Dicembru 2011 ezebita bhala **Dok C.**

4. Illi l-intimat Alfred Camenzuli kien zmien ilu dahal u okkupa l-fond minghajr il-kunsens tas-sid Maruzza Calleja Urry. Sussegwentement u wara li nfethu proceduri gudizzjarji kontrih biex jigi zgumbrat, inharget ordni ta’ rekwizzjoni (numru RO 14364 mahrug 19 ta’ Marzu 1987) bis-sahha ta’ l-Artiklu 3 tal-Kap 125 Ligijiet ta’ Malta mid-Dipartiment tal-*Housing* favur l-istess intimat Alfred Camenzuli u kontra s-sid Maruzza Calleja Urry fil-mori tal-proceduri u ghalhekk il-Qorti cahdet it-talba stante li l-pussess legali kien vestit fl-istess dipartiment.

5. Illi kemm Maruzza Calleja Urry, kif ukoll l-esponenti uliedha wara l-mewt taghha, qatt ma rikonnoxxew lill-intimat Alfred Camenzuli bhala inkwilin u qatt ma accettaw kera jew xi natura ta' kumpens iehor minghandu.

6. Illi fil-31 ta' Mejju 2011 l-Awtorita' tad-Djar harget Ordni ta' Derekwizizzjoni fuq il-fond 215 Appartament numru 2 Triq l-Ifran, Valletta. Kopja **Dok D**.

7. Illi ghalhekk illum il-gurnata l-intimati ma ghandhom assolutament l-ebda titolu validu fil-ligi biex jibqghu jokkupaw dan il-fond proprjeta tal-esponenti.

8. Illi b'ittra ufficjali pprezentata fil-25 ta' Ottubru 2012 (numru 3298/2012) l-esponenti interpellaw lill-intimati jizgumbraw mill-fond 215/2 Triq l-Ifran Valletta u jikkonsenjaw ic-cwievet lill-mittenti. Kopja **Dok E.**

9. Illi bl-ittra ufficjali responsiva pprezentata u mahlufa fil-5 ta' Novembru 2012 (fis-1.00pm) l-intimat Alfred Camenzuli f'ismu propju u f'isem martu u uliedu allega li l-esponenti ma ghandhom ebda jedd li jitolbu lill-intimati jizgumbraw mill-appartament indikat u zammhom responsabbli *inter alia* ghad-danni kollha li sofra, qed isofru u/jew ghad jista' jsofri. Kopja **Dok F**

10. Illi ghalhekk kellha issir dina l-kawza.

**Ghaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni opportuna, l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu lil dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:**

1. Tiddikjara li wara l-hrug tal-Ordni ta' Derekwizizzjoni bid-data 31 ta' Mejju 2011, l-intimati tilfu kull dritt li jkomplu jokkupaw il-fond 215, appartament numru 2, Triq l-Ifran Valletta u li ghalhekk qeghdin jokkupaw l-istess fond illegalment.

2. Tordna lill-intimat jizgombraw u jnehhu hwejjighom kollha mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li ghandha tiffissa dina l-Qorti;

3. Tillikwida, anki permez ta' periti, id-danni dovuti mill-intimati favur l-esponenti tal-okkupazzjoni illegali taghhom b'effett mil-1 ta' Gunju 2011, data tal-Ordni ta' Derekwizzjoni sad-data tar-rilaxx effettiv;

4. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom jhallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra intimati solidalment bejniethom ingunti minn issa in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Alfred Camenzuli et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok bhala eccezzjoni r-Rikorrenti/Atturi Gloria Beacom: Id Number 287360M personalment w ohtha Henriette Vella Bardon: Id Number 314453M, ahwa Calleja Urry ghandhom jipprovdi dokumentazzjoni awtentika li ma tistax tigi kkontestata li huma tabilhaqq il-propretarji tal-fond konsistenti f'Appartament interament mmarkat bin-Numru tnejn (2) fil-korp ta' Appartamenti bin-numru mitejn u hmistax (215), fi Triq l-Ifran il-Belt Valletta.

2. Illi fit-tieni lok l-eccezzjoni preliminari ta′ nullita′ minhabba li r-Rikorrenti / Atturi jidher li t-tnejn li huma mizzewgin u ghaldaqstant skont il-ligi wara li jsiru l-provi fl-eccezzjoni preliminari fil-paragrafu precedenti, kellhom jigu nvoluti fil-kawza z-zwigijiet ossia l-konsorti rispettivi taghhom u dan ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi bhala eccezzjoni di natura preliminari wkoll ghandu jigi kkonfermat skond il-Ligi bhala dokument awtentiku d-dokument immarkat bhala ′A′ ippublikat min-Nutar Dr Tonio Spiteri allegatament nhar is-17 ta′ Jannar, tas-sena 1989 peress illi d-dokumenti li rcieva l-esponenti Alfred Camenzuli li qed jahlef din ir-Risposta Guramentata kif ukoll il-mara tieghu u binhom Justin Camenzuli ma gew notifikati bl-ebda dokument li jirrizulta li huwa awtentikat bhala vera kopja ta′ l-original u kkonfermat min-Nutar li rredigieh ossia n-Nutar Pubbliku Malti Dr Tonio Spiteri u dana nkluz id-diversi dokumenti ndikati mid-dokument ′A′ u dan biex kollox ikun konformi u korrett skond il-Ligi.

4. Illi in linea preliminari wkoll u strettament minghajr pregudizzju qeghda tigi sottomessa l-preskrizzjoni peress li l-familja Camenzuli ilha tirrisjedi fil-fond de quo mill-bidu tas-sena 1987 u fejn allura ghaddew aktar minn sitta w ghoxrin (26) sena li l-familja Camenzuli ilha tirrisjedi f′dan il-fond de quo a bazi ta′ l-Ordni ta′ Rekwizizzjoni Numru 14364 li kienet harget nhar id-19 ta′ Marzu, ta′ l-1987: kwindi eccezzjoni in linea preliminari ta′ akkwist ta′ post anke bi preskrizzjoni fic-cirkustanzi.

5. Illi jrid jigi ppruvat b'dokumentazzjoni awtentici l-kontenut tat-tielet premessa fir-Rikors Guramentat tar-Rikorrenti /Atturi fir-rigward tal-mewt ta' Maruzza Calleja Urry nhar l-20 ta' Lulju, 2011, dwar il-fatt li Maruzza Calleja Urry hija tabilhaqq l-indikata Maria Antonia u dan b'dokumenti sostenibbli skond il-Ligi u dana fl-inkwadratura tal-kontenut tat-tielet premessa fir-Rikors Guramentat ta' l-Atturi fl-ewwel faccata tar-Rikors Guramentat taghhom.

6. Illi fir-rigward tar-raba' premessa tar-Rikorrenti / Atturi dina hija assolutament ikkontestata minhabba li ma huwa minnu xejn li l-Intimat / Konvenut Alfred Camenzuli: Id Number 0462769M dahal w okkupa l-fond minghajr il-kunsens tas-sid Maruzza Calleja Urry u dana peress illi skond il-ligi li kienet vigenti f'dak iz-zmien , fuq il-fond *de quo* Numru 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran gewwa l-Belt Valletta kienet inharget mill-awtorijiet kompetenti Ordni ta' Rekwizizzjoni li ggib in-Numru wiehed-erbgha-tlieta-sitta-erbgha (14364) nhar id-dsatax ta' Marzu ta' l-elf disa' mija sebgha u tmenin (19/03/1987) li skond kalkolu semplici matematiku jfisser car li l-familja ta' l-Intimat/Konvenut **Alfred Camenzuli** (li llum ghandu l-eta' ta' tlieta w erbghin sena – 43 sena ) kellu titolu validu skond il-Ligi enforzabbli fl-1987 li jidhol jirrisjedi fil-fond *de quo* li allura jfisser illi l-Intimat / Konvenut Alfred Camenzuli u l-mara tieghu u t-tliet uliedu kienu qeghdin jirrisjedu f'residenza (l-uniku residenza taghhom) skond il-Ligi u peress illi l-Ordni ta' Rekwizizzjoni kienet fuq il-fond 215, Appartament Numru 2, Triq l-Ifran il-Belt Valletta kienet tkopri u tipprotegi lill-familja kollha Camenzuli fejn illum odjernament minn familja ta' hamsa ghad hemm erbgha minn din il-familja, erba' individwi, il-konjugi

Camenzuli u z-zewg subien taghhom jirrisjedu hemm u li din hija l-unika residenza li ghandhom.

7. Illi l-hames premessa tar-Rikorrenti / Atturi, salv l-eccezzjonijiet in linea preliminari illi diga' gew sollevati fl-eccezzjonijiet precedenti, qeghdin jammettu li l-Intimat / Konvenut **Alfred Camenzuli** llum ta' tlieta w erbghin sena kellu titolu validu skond il-Ligi li jirrisjedi fil-fond *de quo* flimkien mal-familja tieghu u li kien jigi mfisser fil-mori tal-kawza l-kera ma gietx accettat kien jigi depozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti u d-diversi dokumenti u depoziti li saru sejrin ukoll jigu esebiti fil-mori tal-Kawza bhala evidenza ta' dan.

8. Illi ghaldaqstant il-hames, is-sitt u s-seba' premessi tar-Rikorrenti / Atturi ma humiex korretti bil-mod kif jimpustaw il-fatt fir-rigward ta' l-Intimati u l-Konvenuti billi l-Intimati Konvenuti kellhom titolu validu skond il-Ligi kif jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza u l-fatt indikat fis-sitt premessa fit-tieni faccata tal-Kawza tar-Rikorrenti / Atturi bl-ebda mod ma jfisser jew jista' jigi mplikat il-konkluzjoni fis-seba' premessa billi jekk kien hemm titolu validu effettiv mid-19 ta' Marzu tas-sena 1987, jigifieri sitta w ghoxrin sena ilu, il-fatt li l-Ligi setghet inbidlet din ma tistax tkun applikata retroattivament kif tghallimna din il-wisq Onorabbli Qorti w allura ma huwa minnu xejn dak ritenut fis-seba' premessa billi gialadarba kien hemm titolu validu skond il-Ligi kif jigi ppruvat b'dokumentazzjoni li ma tistax tikkontestaha sa mid-19 ta' Marzu tal-1987, anke jekk effettivament l-Ordni ta' Rekwizizzjoni giet meqjusa mhassar minn xi awtorita' li ssucediet id-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali kif kien maghruf fl-1987 u s-snin ta'

wara , bl-ebda mod ma jfisser illi ghax thassret dik l-ordni ma kienitx valida r-Rekwizjzzjoni Numru 14364 tad-19 ta' Marzu, ta' l-1987 u dan apparti mis-sottomissjonijiet tal-preskrizzjoni, prova tat-titolu da parti tar-Rikorrenti / Atturi, u fuq kollox id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-familja Camenzuli li ilha tirrisjedi bhala r-residenza ordinarja taghha fil-fond de quo ghal iktar minn sitta w ghoxrin sena billi effettivament kif jirrizulta mill-mori tal-kawza l-ewwel ftehim kien sehh permezz ta' qbil mas-Segretarju tad-Djar ta' dawk iz-zminijiet ossia Numru Referenzjali: HD 2079/86, u kwindi l-premessi numru hamsa, sitta u sebgha, ma ghandhom ebda validita' bhala stat ta' fatt u mil-lat ta' Ligi ghar-rigward tat-titolu validu li ghad ghandu l-Intimat / Konvenut **Alfred Camenzuli** u l-familja tieghu.

9. Illi fir-rigward tat-tmienja u tad-disa' premessi, f'pagna 2 tar-Rikors Guramentat ta' l-Atturi, l-istess Rikorrenti/ Atturi qed jikkonfermaw illi l-Intimati / Konvenuti dejjem sostnew li huma kellhom titolu validu skond il-Ligi u dana a bazi tal-fatti li diga' qed jirrizultaw lil din il-wisq Onorabbli Qorti kif ukoll dokumentazzjoni ulterjuri li sejra tigi esebita fil-mori ta' din il-Kawza, apparti x-xhieda li qed jigu ndikati kollha biex jikkonfermaw dak illi l-Intimat /Konvenut **Alfred Camenzuli:** Id Number 0462769M qieghed jikkonferma bil-gurament f'ismu propju.

10. Illi ghaldaqstant fic-cirkustanzi ma kellhiex ghalfejn issir din il-Kawza ghal-ragunijiet fattwalment u legalment fondati li qeghdin jigi skjerati quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti u li ma jhallu l-ebda dubju fl-ewwel lok li ebda Ligi ma'tista' tigi affettwata b'mod retroattiv u li ghaldaqstant sa mid-19 ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija sebgha u tmenin (19 ta'

Marzu, 1987) l-intimati / Konvenuti kellhom titolu validu skond il-Ligi, fit-tieni lok minhabba t-trapass tas-snin ossia iktar minn sitta w ghoxrin sena fejn allura hemm anke l-element tal-preskrizzjoni, ghall-fatt illi l-Intimati / Konvenuti onoraw il-ftehim illi kien sehh mad-Dipartiment tad-Djar ukoll nhar l-4 ta' Marzu tas-sena 1987 u dana wara applikazzjoni mis-segretarju tad-Djar, HD:2079/86 dejjem fir-rigward tal-fond *de quo* , u finalment illi l-istess Awtorita' tad-Djar ikkonfermat illi l-fond *de quo* kien kolpit b'Ordni ta' Rekwizizzjoni (ara d-dokument datat 14 ta' Ottubru, tas-sena 2008) u li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni giet mhassra biss nhar il-31 ta' Mejju, 2011, u li allura bl-ebda mod ma tista' t-titolu validu li kellu l-Intimat / Konvenut **Alfred Camenzuli** u l-familja tieghu ma jista' jinghad li ma kellhomx titolu validu skond il-Ligi.

**Talbiet tar-Rikorrenti / Atturi**

11. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba din il-wisq Onorabbli Qorti bir-rispett kollu ma tistax tiddikjara li l-Intimati '*tilfu kull dritt li jkomplu jokkupaw il-fond 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta u li ghalhekk qeghdin jokkupaw l-istess fond illegalment*' u dana billi l-Ordni ta' Derekwizizzjoni datata 31 ta' Mejju, tas-sena 2011, ma setghet qatt tigi applikata retroattivament kif din il-Qorti tghallimna billi kieku dan kellu jsir ikun hemm ksur vjolenti ta' drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-Intimati / Konvenuti, ikun hemm ksur ta' l-Ordinament Guridiku li jirregola l-Ligijiet ta' Malta u l-istruttura tal-Gustizzja apparti mill-fatt illi jinholoq precedent li jaffettwa lil eluf ta' cittadini Maltin u Ghawdxin u li l-Ordni ta' Derekwizizzjoni kif tghallimna din il-wisq Onorabbli Qorti ma ssirx fuq il-persuni imma ssir

fuq il-fond de quo w allura hija applikabbli fil-kaz li dawk il-fondi partikolari ikunu vakanti u li jistghux jigi Rekwizizzjonati imma mhux li fond li kien rekwizizzjonat numru ta' snin sostanzjali qabel bhal kaz odjern, anke jekk inharget Derekwizizzjoni fuq il-fond de quo xorta dan ma jfissirx li l-Intimati / konvenuti ma kellhomx u ghad ghandhom titolu validu kond il-Ligi u din apparti mill-kwistjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tirrespingi l-ewwel talba.

12. Illi *se segwe* li t-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-Rikorrenti / Atturi allegatament ahwa Calleja Urry (u dan permess li jridu jingabru provi f'dak ir-rigward li mhumiex fl-Atti Processwali li bihom gie notifikat l-Intimat / Konvenut **Alfred Camenzuli** u l-mara tieghu u t-tifel il-kbir tieghu **)** dawna t-talbiet ossia t-tieni u t-tielet ukoll ghandhom jigu michuda u respinti u fir-rigward tar-raba' talba, l-Intimati / Konvenuti sejrin jaghmlu l-Kontro Talbiet taghhom biex izommu responsabbli lill-Atturi / Rikorrenti ghad-danni kollha nkluz l-ispejjez, l-iskarigg u l-istrapazz li l-Intimati / Konvenuti sofrew, qeghdin isofru u ghad jistghu jsofru minhabba li huwa car li l-Intimati / Konvenuti agixxew skond il-Ligi vigenti fl-1986 u ghat-titolu li nghataw fid-19 ta' Marzu, 1987, u li a bazi ta' dak it-titolu huma dejjem onoraw dawk il-kundizzjonijiet li kellhom isegwu u dan sejjer jigi pruvat u ghalhekk fic-cirkostanzi sejrin isiru wkoll il-Kontro-Talbiet fir-Rigward tar-Rikorrenti / Atturi ahwa Calleja Urry.

13. Illi fic-cirkustanzi, l-ispejjez kollha abbinati ma' dawn il-proceduri, direttament u / jew indirettament ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti / Atturi ahwa Calleja Urry.

14. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Kontro-Talbiet

**i- Premessi**

15. Premess illi l-intimati / Konvenuti Alfred Camenzuli: Id Number 0462769M f'ismu propju u ghan-nom ta' ibnu minuri Danilo Owen Camenzuli li twieled nhar il-25 ta' Dicembru , ta' l-1998, illum ta' erbatax-il sena u li ghandu n-Numru tal-Karta ta' l-Identita' 475598M flimkien mal-mara tieghu Tania Camenzuli Id Number 0493469M u binhom Justin Camenzuli: Id Number 0181391M jaghmlu referenza ghar-Rikors Guramentat ta' Gloria Beacom: Id Number 287360M w ohtha Henriette Vella Bardon: Id Number 314453M li gew notifikati bir-rikors Guramentat taghhom f'jum il-Gimgha, l-1 ta' Marzu, 2013. Peress illi qed issir din ir-referenza u l-Intimati / Konvenuti ndikati qeghdin fic-cirkostanzi jutilizzaw ir-Rikors Guramentat ta' l-ahwa Urry biex a bazi tieghu huma jaghmlu l-Kontro-Talbiet illi issa sejrin isegwu.

16. Peress illi jirrizulta manifestament illi kien hemm Ordni ta' Rekwizizzjoni li ggib in-Numru Referenzjali 14364 datata 19 ta' Marzu, ta' l-1987 u li din kienet tirrigwarda l-fond immobiljari Numru 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran, gewwa l-Belt Valletta.

17. Premess illi jirrizulta manifestament illi l-Intimati kif indikati u kif imfissra kellhom skond il-Ligijiet ta' Malta u

partikolarment a bazi ta' l-Att ta' l-1949 dwar id-djar, kellhom titolu validu fil-ligi li jistghu jirrisjedu u jghixu, kif ghamlu ghal dawn l-ahhar sitta u ghoxrin sena, fil-fond Numru 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran gewwa l-Belt Valletta u l-partijiet komuni tieghu.

18. Premess illi jirrizulta manifestament illi ma hemm ebda kontestazzjoni anke kif ammess mill-istess Rikorrenti / Atturi li l-Intimati ma kellhomx titolu validu skond il-Ligi li jirrisjedu f'dan il-post u li huwa hsieb totalment fallaci li rraguna li ghax harget l-Ordni ta' Rekwizizzjoni fuq il-fond gia ndikat, b'hekk ifisser li legalment l-Intimati tilfu t-titolu taghhom validu skond il-Ligi li jibqghu jirrisjedu fil-fond *de quo*, u dana apparti mis-sottomissjoni tal-preskrizzjoni li diga' giet sollevata fl-eccezzjonijiet in linea preliminari li diga' giet sottomessa suespost.

19. Illi huwa ben saput illi ma jista' jkun hemm applikabbli ebda retroattivita' fil-kaz odjern w illi kieku ghal grazzja ta' l-argument il-Qorti kellha tiddeciedi u tiddetermina li dan huwa l-kaz, se tkun hemm vjolazzjoni ta' l-Ordinament Guridiku stabbilit mill-Qrati tal-Gustizzja Maltin dwar il-principju tar-retroattivita', apparti li jkun hemm ksur ta' drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu li fid-demokrazija taghna anke bhala pajjiz Membru shih fl-Unjoni Ewropeja kulhadd ghandu d-dritt ghar-residenza tieghu u kulhadd ghandu jkollu l-protezzjoni tal-Ligi biex tharsu fir-residenza tieghu u ghaldaqstant ir-Rikorrenti / Atturi ma ghandhom ebda dritt li jitolbu lil din il-wisq Onorabbli Qorti biex tiddikjara li bl-Ordni ta' Derekwizizzjoni datat 31 ta' Mejju, 2011, l-Intimati b'hekk gew li tilfu kull dritt li jkomplu jokkupaw il-fond 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran

il-Belt Valletta u li ghalhekk huma qeghdin jokkupaw l-istess fond illegalment.

20. Premess illi hawn ghandna konfuzjoni tad-differenza bejn stat ta' Ligi, katina ta' fatti li mhumiex kontestati, u hrug ta' ordni ta' Derekwizizzjoni li bl-ebda mod ma affettwat il-legalita' ta' l-Ordni ta' Rekwizizzjoni ta' nhar id-19 ta' Marzu ta' l-1987.

21. Premess illi l-Ordni ta' Derekwizizzjoni harget fuq il-fond *de quo* u bl-ebda mod ma ddikjarat illi t-titolu validu skond il-Ligi ta' l-ordni ta' rekwizizzjoni Numru 14364 tad-19 ta' Marzu, ta' l-1987 kienet jew saret nulla w invalida jew id-drittijiet tat-titolu ta' l-Intimati familja Camenzuli b'xi mod gew terminati.

22. Premess illi ghaldaqstant l-erba' talbiet tar-Rikorrenti / Atturi ghandhom jigu respinti u michuda u l-istess Rikorrenti / Atturi ghandhom jigu mizmuma responsabbli ghad-danni kollha nkluz l-ispejjez gudizzjarji w extra gudizzjarji sofferti mill-familja Camenzuli, li qedghin isofru u li ghad jistghu jsofru.

23. Premess illi wkoll hemm il-kwistjoni legali gia sollevata fl-eccezzjonijiet *in linea preliminari* tal-Preskrizzjoni u ghaldaqstant ir-Rikorrenti / Atturi qeghdin jigu mizmuma kompletament responsabbli ghal kwalsiasi forma ta' danni li kkonstringew lill-Intimati / Konvenuti li jsofru minghajr ebda gustifikazzjoni la a bazi ta' fatti u lanqas a bazi ta' Ligi.

24. Premess li din il-wisq Onorabbli Qorti hija mitluba umilment tirreferi ghas-Sentenza tal-Qorti tal-appell (Sede

Civili) ippreseduta mis-Sinjorija tieghu l-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici bhala President, u li ghadu haj, l-Onorevoli Mhallef Joseph A. Herrera llum il-mibki Vici president tal-Qorti ta' l-Appell kif kienet is-sistema' dak iz-zmien, u l-Onorevoli Carmel. A. Agius li ghadu Mhallef prattikanti f'The Hague l-Olanda, Sentenza li nghatat fis-seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, ta' 1991, Citazzjoni Numru 959/87 fl-ismijiet: ***" Mary sive Maruzza Calleja Urry, Gloria Calleja Urry u Henriette Vella Bardon -vs- Alfred Camenzuli"*** li kif intqal nghatat nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu, ta' l-1991 ossia tnejn u ghoxrin sena ilu u dan propju fuq kawza li kienet bdiet sitta w ghoxrin sena ilu meta l-intimat Anthony Camenzuli u l-Atturi Mary sive Maruzza Calleja Urry illum mejta w uliedha bniet Gloria Callejja Urry u Henriette Vella Bardon li huma r-Rikorrenti / Atturi odjerni, kienu ga jafu bl-Ordni ta' Rekwizizzjonar fuq il-fond de quo ghad illi anke dak iz-zmien pruvaw iqarrqu bil-Qorti kif kopja ta' din is-sentenza fil-mument opportun sejra tigi prezentata lil din il-wisq Onorabbli Qorti u fejn l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut Alfred Camenzuli dak iz-zmien irrefera u kien onest meta qal li l-fond de quo huwa rekwizizzjonat.

25. Premess illi ghandha ssir referenza wkoll ghas-Sentenza moghtija dak iz-zmien mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino llum il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-seduta ta' nhar il-Gimgha , 30 ta' Ottubru, tas-sena 1992, fl-istess Citazzjoni Numru 959/87 fl-ismijiet ***" Mary sive Maruzza Calleja Urry, Gloria Callejja Urry u Henriette Vella Bardon-vs-Alfred Camenzuli"*** fejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet ikkonkludiet "ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi il-kawza billi tiddikjara illi l-atturi m' ghandhomx "locus

standi" "In iudicio" u m ' ghandhomx dritt jippromwovu l-azzjoni minnhom tentata biex jirriprendu l-pussess tal-fond rekwizizzjonat okkupat illegalment w abbuzivament mill-konvenut. "

26. Premess illi ghaldaqstant qeghdin isiru dawn il-Kontro-Talbiet.

27. Premess dan kollu, jghidu r-Rikorrenti / Atturi ossia **Gloria Beacom**: Id number 283760M u **Henriette Vella Bardon:** Id Number 314453M, ahwa Calleja Urry, ghala dan il-wisq Onorabbli Qorti m' ghandiex tiddeciedi, tiddetermina, tiddikjara u tordna illi:-

**ii- <u>Kontro-Talbiet ta' l-Intimati/ Konvenuti</u>**

(a) Illi fl-ewwel lok ic-Citazzjoni ntavolata mill-ahwa Calleja Urry hija nulla minhabba l-fatt li ma dahlux bhala atturi l-konsorti rispettivi ta' l-ahwa femminili Calleja Urry u dan a bazi ta' l-eccezzjonijiet *in linea preliminari* li gew sollevati;

(b) Illi minghajr pregudizzju l-mertu tal-kawza ntavolata mill-ahwa Calleja Urry hija bla ebda bazi fattwali u legali minhabba l-fatti li jirrizultaw fir-Risposta Guramentata odjerna ta' l-Intimati / Konvenuti familja Camenzuli partikolarment li l-Ordni ta' rekwizizzjoni Numru 14364 tad-19 ta' Marzu, ta' l-1987, nonostante li nharget notifika ta' Derekwizizzjoni fuqha nhar il-31 ta' Mejju, tas-sena 2011, bl-ebda mod m'affettwat il-legalita' tat-titolu ta' l-Intimati / Konvenuti li jibqghu jirrisjedu fil-fond 215, Appartament Numru 2, Triq l-Ifran gewwa l-Belt Valletta u dana minhabba li n-Notifika ta' Derekwizizzjoni affettwat l-Ordni fuq il-fond 215, Appartament Numru 2, Triq l-Ifran

gewwa l-Belt Valletta fir-rigward ta' l-istatus tal-fond *de quo* imma mhux fuq it-titolu legali li l-familja Camenzuli tibqa' tirrisjedi fil-fond *de quo* u dana minhabba l-validita' skond il-Ligi ta' l-Ordni ta' Rekwizizzjoni Numru 14364 tad-19 ta' Marzu, ta' l-1987, il-principju tar-retroattivita', u l-kuncett tal-Preskrizzjoni u kwindi t-talbiet tar-Rikorrenti / Atturi ahwa Calleja Urry ghandhom jigu respinti a bazi ta' dawn is-sottomissjonijiet;

(c) Ghandha tiddikjara u tikkonferma li l-Intimati / Konvenuti familja Camenzuli qeghda tirrisjedi fil-fond de quo b'titolu validu skond il- Ligi u li dan bl-ebda mod ma gie effettwat bin-notifika ta' Derekwizizzjoni li harget fis-sena 2011 sia a bazi tal-principju tan-non-retroattivita', kif ukoll anke a bazi tal-preskrizzjoni jekk huwa l-kaz;

(d) Illi f'kull kaz din il-wisq Onorabbli Qorti fic-cirkustanzi u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet in linea preliminari, ghandha tordna jekk *jigu sodisfatti l-eccezzjonijiet in linea preliminari* li gew sollevati mill-Intimati / Konvenuti familja Camenzuli, li jirrikonoxxi jekk huwa l-kaz lill-Intimati / Konvenuti familja Camenzuli u dana minhabba t-titolu inaljenabbli validu li ghandhom skond il-Ligi u minhabba l-kuncetti ta' retroattivita' u preskrizzjoni u dana skond l-Ordinament Guridiku tar-Repubblika ta' Malta b'gharfien ukoll ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali ghal residenza ta' l-Intimati / Konvenuti;

(e) Illi fic-cirkustanzi r-Rikorrenti / Atturi ahwa Calleja Urry ghandhom jigu mizmuma responsabbli ghall-ispejjez kollha u d-drittijiet kollha gudizzjarji w extra gudizzjarji li kkonstringew lill-Intimati / Konvenuti li jaghmlu iktar u iktar meta l-kap tal-familja Camenzuli ossia l-Intimat /

Konvenut **Alfred Camenzuli**: Id Number 0462769M u huwa prezenzjalment disokkupat skond anke ma gie ppruvat mir-rapprezentanti tal-Employment and training Corporation li maghha huwa rregistrat;

(f) Illi ghaldaqstant ukoll ir-Rikorrenti / Atturi ahwa Calleja Urry ghandhom jaghmlu tajjeb ghal kwalsiasi forma ohra ta' danni li jistghu jirrizultaw a bazi tal-mori tal-kawza peress li l-fond de quo huwa l-uniku residenza li ghandhom l-Intimati / Konvenuti fuq liema residenza huma ghandhom titolu validu skond il-Ligi li jibqghu jirrisjedi hemm u huwa biss in-nuqqas da parti tar-Rikorrenti / Atturi li ma fehmux li l-uniku triq ghalihom huwa li jirrikonoxxi formalment lill-Intimat / Konvenuti u jirregolaw r-relazzjoni ma' l-Intimati / Konvenuti dwar ir-residenzjar ta' l-istess Intimati / Konvenuti fil-fond *de quo.*

(g) Illi l-ispejjez kollha abbinati ma' dawn il-proceduri odjerni inkluz dawk tal-Kontro-Talbiet ukoll ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti/ Atturi ahwa Calleja Urry u dan ghal ragunijeit ovvji fattwalment u skond il-Ligi.'.

Rat ir-risposta ta' Gloria Beacom u Henriette Vella Bardon ghall-kontrotalba tal-intimati Alfred Camenzuli et li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, illi l-kontrotalba hija nulla u irritwali stante li:

   (a) giet proposta mill-intimati flimkien ma' persuna ohra, Danilo Owen Camenzuli, li m'huwiex indikat bhala intimat fir-rikors guramentat tal-esponenti u

(b) ma hemm l-ebda talba li hija awtonoma u li m'hiex gia proposta bhala eccezzjoni mill-intimati fir-risposta taghhom.

2. Fil-mertu:

(a) Illi il-proprjeta' hija tal-esponenti biss in kwantu formanti parti mill-assi fil-wirt ta' ommhom Maria Antonia, maghrufa bhala Maruzza, Calleja Urry li taghha huma l-unici zewg eredi.

(b) Illi l-uniku relazzjoni li kellu l-intimat Alfred Camenzuli kien mad-dipartiment responsabbli ghal hrug tal-ordni kien gie allokat lilhu. L-esponenti ma ghandhom assolutament l-ebda obbligu taht ebda ligi jirrikonoxxu lill-intimati bhala inkwilin taghhom.

(c) Illi l-effetti kollha tal-ordni ta' rekwizzjoni spiccaw malli dina giet imnehhija fil 31 ta' Mejju 2011 u kwindi l-fond ma ghadux fil-pussess legali tal-Awtorita' tad-Djar. Il-principju tal-retroattivita' huwa ghal kollox irrelevanti stante li l-esponenti mhumiex qeghdin jattakkaw il-pussess tal-intimati fil-perjodu qabel il-31 ta' Mejju 2011.

(d) Illi l-esponenti ma jistghux jifmu liema tip ta' titolu l-Intimati qeghdin jippretendu li akkwistaw permezz tal-preskrizzjoni u ghal kull buon fini jenfasizzaw li l-intimati qatt ma okkupaw il-fond "uti domini" imma biss kif allokat lill intimat Alfred Camenzuli mid-dipartiment li kellu l-pussess legali permezz tal-ordni ta' rekwizizzjoni numru 14364 mahrug fis-19 ta' Marzu 1987.

(e) Illi t-talba tad-danni hija guridikament insostenibbli ghaliex kull persuna ghandha dritt tipproponi kawza biex tissalvagwarda d-drittijiet taghha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Intimati solidament bejniethom ingunti minn issa in subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, kuntratti, dikjarazzjoni *causa mortis*, ordni ta' rekwizizzjoni, ordni ta' derekwizizzjoni, ittra ufficjali u ittra ufficjali risponsiva, testmenti, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, certifikat ta' stima ta' kera, cedoli ta' depositu, sentenzi, ftehim, ricevuti, conditional report redatt minn perit ex-parte, statements bankarji, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tal-intimati ntavolat nhar l-14 ta' Gunju, 2013 a fol. 84 tal-process fejn talbu fost affarijiet ohra l-kjamat in kawza ta' l-Awtorita' tad-Djar kif ukoll id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali jew kwalsiasi persuna jew entita' ohra illi wirtu l-hidma li kienet originarjament assenjata lis-Segretarju tad-Djar fil-perijodu ta' 1987, rat ir-risposta tal-atturi ghar-rikors intavolata nhar is-17 ta' Gunju, 2013 a fol. 92 u rat id-digriet tal-Qorti datat 5 ta' Lulju, 2013 fejn cahdet it-talba;

Rat li din il-Qorti kif diversament preseduta kienet gja tat decizjoni datata 29 ta' Ottubru, 2014 a fol. 635 et seq tal-process fejn laqghet ir-raba' eccezzjoni u cahdet it-talbiet attrici u filwaqt tal-kontro-talba laqghet it-tielet talba u cahdet it-talbiet l-ohra billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat illi d-decizjoni moghtija fid-29 ta' Ottubru, 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif diversament preseduta giet

appellata mir-rikorrenti u rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell moghtija nhar id-9 ta' Lulju, 2020 a fol. 687 et seq tal-process fejn irriformat is-sentenza billi hasritha fejn laqghet is-seba' eccezzjoni, cahdet it-talbiet tal-atturi u laqghet it-tielet kontro-talba tal-konvenuti, u, minflok, cahdet is-seba' eccezzjoni u cahdet ukoll it-tielet kontro-talba u laqghet l-ewwel zewg talbiet tal-atturi b'xahrejn zmien ghall-izgumbrament u kkonfermat is-sentenza fejn cahdet il-kontro-talbiet l-ohra. Dik il-Qorti baghtet lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigh unikament dwar it-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2020 il-partijiet qablu li jonqos li jigu decizi t-tielet u r-raba' talbiet attrici dwar likwidazzjoni u hlas ta' danni;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2020 Dr Peter Caruana Galizia ghan-nom tar-rikorrenti ddikjara li r-rikorrenti nghataw il-pussess lura tal-fond mertu tal-kawza fl-10 ta' Settembru, 2020 u talab in-nomina ta' perit sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond bin-numru 2, 215 fi Triq l-Ifran, Valletta mill-1 ta' Gunju, 2011 u kull hames snin sal-10 ta' Settembru, 2020 u rat li Dr Mark Simiana salv ghall-ispejjez irrimetta ruhu u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Perit Joseph Grech;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech ipprezentat fl-atti nhar id-29 ta' Dicembru, 2020 u mahluf nhar il-21 ta' Jannar, 2021 a fol. 659 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' Ottubru, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi d-decizjoni odjerna hija limitata biss ghat-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti li jitolbu l-likwidazzjoni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, tad-danni dovuti mill-intimati favur ir-rikorrenti ghal okkupazzjoni llegali taghhom b'effett mill-1 ta' Gunju, 2011 - meta nharget l-ordni ta' derekwizizzjoni sad-data tar-rilaxx effettiv u cioe' sal-10 ta' Settembru, 2020. Kif ukoll talba sabiex il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu solidalment bejniethom id-danni hekk likwidati.

Illi l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isostnu li da parte tar-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet m'ghamlu l-ebda sottomissjoni sabiex jirradikaw it-talba taghhom ghad-danni u minflok iffukaw is-sottomissjonijiet taghhom fuq l-aspett tal-likwidazzjoni tad-danni. Isostnu li skonthom it-talbiet rimanenti jezigu determinazzjoni dwar ir-responsabilita', kif ukoll dwar il-hsara effettivament kagunata.

Illi l-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn ittawwal wisq fuq iz-zewg punti sollevati mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, dan stante li l-kwistjoni ta' responsabilita' u hsara kagunata gia giet trattata u deciza mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tad-9 ta' Lulju, 2020 (a fol. 687 *et seq* tal-process). Una volta l-Qorti tal-Appell laqghet l-ewwel talba, il-kwistjoni ta' responsabilita' giet deciza billi gie dikjarat li l-intimati kienu qeghdin jokkupaw il-fond illegalment. Jsegwi li la darba l-intimati kienu qeghdin jokkupaw il-fond illegalment huma responsabbli ghad-danni ghal

tali okkupazzjoni llegali. Ghalhekk kull ma jifdal x'jigi trattat huwa l-likwidazzjoni tal-kumpens lir-rikorrenti.

Illi riferibbilment ghad-danni reklamati ghal-lucrum cessans, normalment il-Qrati lokali, f'kawzi ta' din in-natura, jistriehu fuq il-valur lokatizzju sabiex jikkwantifikaw id-danni sofferti ghall-okkupazzjoni minghajr titlu (ara **Milner Developments Limited – vs- Sandra Agius et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru, 2007).

Illi fil-mori tal-kawza permezz tad-digriet tal-15 ta' Ottubru, 2020 (fol. 656) gie nominat il-Perit Joseph Grech sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond Flat 2, fil-korp ta' appartamenti bin-numru 215 fi Triq l-Ifran, Valletta mill-1 ta' Gunju, 2011 u kull hames snin sal-10 ta' Settembru, 2020 – id-data meta l-intimati vvakaw il-fond. Il-Perit Tekniku Joseph Grech ipprezenta r-rapport tieghu nhar id-29 ta' Dicembru, 2020 u halef l-istess rapport nhar il-21 ta' Jannar, 2021 u jinsab esebit a fol. 659 et seq tal-process.

Il-Perit Grech fir-rapport tieghu jghid li biex wasal ghall-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni huwa hejja l-valur tal-fond prezenti bhala liberu u frank minghajr ghamara. Spjega li l-valur tal-proprjeta' ghas-snin precedneti gie bbazat fuq 'property price index' mahrug mill-Bank Centrali ta' Malta kif ukoll aggustati skont il-valur ta' proprjetajiet mibjughin fiz-zona. Imbaghad fir-rigward il-valur lokatizzju gie stabbilit bhala persentagg fis-suq u r-rata' applikata kienet dik kif indikata fit-tabella bhala 'Yield'. Il-Perit ivvaluta l-valur lokatizzju ghas-snin imsemmija bil-mod segwenti:

| **Sena** | **Valur fis-Suq** | **Yield** | **Valur Lokatizju** |
|---|---|---|---|
| | | | **(annwali)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2011 | €200,000 | 2.0% | €4,000 |
| 2016 | €275,000 | 2.5% | €6,875 |
| 2020 | €400,000 | 2.5% | €10,000 |

Illi l-Qorti fil-kalkolu taghha tqis li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-perijodu mill-1 ta' Gunju, 2011 – l-ghada li harget id-derekwizizzjoni sal-10 ta' Settembru, 2020 – dakinhar li l-fond gie rritornat lura f'idejn ir-rikorrenti u cioe' s-somma ta' tnejn u hamsin Elf, tmien mija u erba' euro u hdax-il centezmu (€52,804.11), ghal perijodu ndikat.

Ghalhekk l-ammont ta' kumpens dovut lir-rikorrenti huwa dak ta' tnejn u hamsin Elf, tmien mija u erba' euro u hdax-il centezmu (€52,804.11). Dan l-ammont ta' danni likwidati ghandu jithallas solidalment bejn l-intimati Alfred u Tania konjugi Camenzuli.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif isegwi:

1. Tichad fl-intier taghhom l-eccezzjonijiet rimanenti partikolarment dawk relatati mat-tielet u r-raba' talba tal-intimati;

2. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida d-danni dovut mill-intimati Alfred u Tania konjugi Camenzuli lir-rikorrenti tal-okkupazzjoni llegali taghhom tal-fond ossia l-appartament internament immarkat numru 2 fil-korp ta' appartamenti bin-numru 215 fi Triq l-Ifran, Valletta b'effett mill-1 ta' Gunju, 2011 sal-10 ta' Settembru, 2020 fl-ammont ta' tnejn u

hamsin Elf, tmien mija u erba' euro u hdax-il centezmu (€52,804.11);

3. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimati Alfred u Tania konjugi Camenzuli solidalment sabiex ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimati konjugi Camenzuli.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju, 2023**